MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1434/2003

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul & Rocco Limited, sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Paul & Rocco (Gzira) Limited**

**Vs**

**Igor Samardziski**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm1,314.14c (elf, tlett mija u erbatax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu) rappresentanti danni kkagunati f’incident awtomobilistiku tas-7 ta’ Marzu 2002, fi Triq Regjonali, San Giljan, bejn il-vettura bin-numru ABH 365 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru EAK 229 misjuqa minn Mario Muscat u propjeta’ tal-assikurat tas-socjeta’ mittenti Paul & Rocco (Gzira) Ltd; liema vettura kienet

assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici u li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal- konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi Lm50.00c (hamsin lira Maltin) ‘excess’ imhallsa mill-attur Paul & Rocco (Gzira) Ltd; li kien assikurat taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Dicembru 2002, u bl-imghax pagabbli mill-11 ta’ Dicembru 2002, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-Kapitolu tas-socjeta’ attrici;

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------